# DRAWWIET F'JUM L-IRXOXT FIL-BIRGU TA' DARI

**Anton Attard**

## L-GĦID F'MALTA

Mhux magħruf bi preċizjoni meta bdiet il-purċissjoni bl-Irxoxt f'dawn il-gżejjer. Il-probabbiltà hi li din waslet għandna min-nies ta' Rodi, li ġew mal-Ordni ta' San Ġwann. Allura, billi dawn qagħdu fil-Birgu, fejn kellhom tliet knejjes għad-dispożizzjoni tagħhom, aktarx li kienet f'din il-belt li l-festa tal-Irxoxt bdiet il-mixja twila li wasslitha biex tieħu s-sura li nafu llum. Barra minn hekk, fil-Knisja tal-Lunzjata ta' din il-belt, Ġlormu u Anton Caccialepre, li kienu minn Rodi, ftit wara l-wasla tagħhom fil-Birgu, waqqfu kappella fil-Knisja tal-Lunzjata u ddedikawha lil Kristu Rxuxtat. Fuq l-artal tagħha kien tqiegħed kwadru tal-injam bi xbieha ta' Kristu Rxoxt, b'Sta Katerina u Sta Barbara fil-ġnub tiegħu.[1] B'żieda ma' dan, xi drawwiet marbutin ma' Jum l-Irxoxt fil-Birgu għandhom xebh ma' drawwiet fi wħud mill-gżejjer Griegi.

Tagħrif dwar xi forma ta' ċelebrazzjonijiet marbutin mal-Għid il-Kbir f'xi wħud mill-irħula u bliet f'dawn il-gżejjer imorru lura mijiet ta' snin ukoll. Nafu li Monsinjur Dusina, fl-1575, jikkonferma forma ta' ċelebrazzjoni fil-Gudja nhar l-Għid il-Kbir, li kienet tiġbor fiha t-tberik tat-tfal. Fl-1665, fil-Knisja tal-Griegi, il-Belt Valletta, twaqqfet Sodalità ta' Kristu Rxoxt, li aktar tard saret Fratellanza, Fl-1714, tissemma purċissjoni fl-Isla. Imbagħad, fl-1741 tissemma l-vara ta' Kristu Rxoxt li Celestinu Sacco rregala lill-parroċċa ta' Bormla. Fl-1764 hi dokumentata vara fin-Naxxar. B'żieda ma' dan, f'Ħal Qormi jingħad li fis-seklu sbatax diġà kien hemm vara tal-Irxoxt. Vara antika ħafna oħra nsibuha fil-Parroċċa ta' San Ġorġ, ir-Rabat, Għawdex u purċissjoni nhar il-Għid fir-Rabat ta' Malta sa mill-1771, għalkemm mhux bi statwa iżda bis-Santissimu Sagrament.[2]

## IL-PURĊISSJONI FIL-BIRGU

Fil-Birgu, sa minn sekli sħaħ, iċ-ċelebrazzjonijiet marbutin mal-Għid il-Kbir inisslu ferħ mhux tas-soltu u l-purċissjoni bi Kristu Rxoxt tkun mistennija ħafna. Dan tikkonfermah il-folla kbira ta' nies li tidħol il-Birgu dakinhar. Fl-imgħoddi, il-purċissjoni bl-istatwa kienet issir fil-lejl bejn Sibt u Ħadd il-Għid. Aktar tard, bdiet toħroġ lejn il-ħamsa ta' filgħodu, wara li tintemm il-quddiesa magħrufa bħala tal-awrora. Kienet tkun purċissjoni ferrieħa ħafna. Fiha kienu jieħdu sehem żewġ baned. Waħda timxi fuq quddiem qabel l-istandard, u l-oħra qabel il-vara.[3]

Mal-medda tas-snin, it-tibdil ma naqasx, hekk li sa ftit snin qabel it-Tieni Gwerra Dinjija, Kristu Rxoxt kien jinħareġ darbtejn idur mat-triqat tal-Birgu. L-ewwel kien jinħareġ tul id-dawra magħrufa bħala 'il-kbira' f'Sibt il-Għid. Din kienet tkun pjuttost manifestazzjoni folkloristika. Dakinhar, għal xi l-għaxra u nofs ta' filgħodu, wara li tindaqq il-Glorja mill-qniepen tal-Knisja ta' San Lawrenz, il-vara tal-Irxoxt kienet tinħareġ mill-Knisja tal-Karmnu u tittieħed lejn il-knisja parrokkjali. Hemm, kienet tkun tistennieha l-Banda Duke of Edinburgh, li tkompli l-mixja magħha tul it-triq kollha sa ma terġa' lura fil-knisja. Kienet tiddawwar mat-toroq prinċipali li, tul uħud minnhom, ir-reffiegħa kienu jiġru bl-istatwa — ġirjiet li dwar il-bidu u s-sinifikat tagħhom hemm fehmiet diversi.

## IL-ĠIRJIET JINTEMMU U JIBDEW MILL-ĠDID

Il-manifestazzjoni tas-Sibt ġiet fi tmiemha fl-1936. Minn dik is-sena, bdew iseħħu wħud mir-riformi ordnati wara l-Konċilju Reġjonali li kien sar hawn taħt il-presidenza tal-Kardinal Lepicier. Fost dawn ir-riformi kien hemm dawk dwar il-purċissjonijiet. Fost dawk li ntlaqtu kien hemm dik ta' Sibt il-Għid fil-Birgu. Kienet baqgħet biss dik tal-għada. Iżda l-ġiri bil-vara ġie pprojbit. B'hekk, mill-1937 u kif għadu jsir illum, bdiet toħroġ biss dik il-purċissjoni tal-Ħadd, wara l-quddiesa kantata ta' filgħodu.

Dak li seħħ wara l-gwerra fil-Birgu jiżvelah is-Sur JF. Porsella Flores f'artiklu li kiteb fil-ġurnal *Leħen is-Sewwa* tal-15 ta' April 1995. Kiteb li, meta l-gwerra tbiegħdet minn xtutna u l-ħajja bdiet ġejja għan-normal, il-purċissjonijiet reġgħu

bdew ħerġin. L-ewwel waħda bl-Irxoxt ħarġet fl-1945, kmieni filgħodu f'Bormla. Fiha kien inqala' xi inkwiet billi xi wħud minn fost il-kleru oġġezzjonaw li r-reffiegħa jiġru bl-istatwa.

Fil-Birgu, l-istess bħal f'Bormla, din ix-xewqa tal-ġiri bl-Irxoxt stenbħet mill-ġdid u reġgħet ingħatat il-ħajja billi l-Arċipriet Pawlu Galea għalaq għajnejh meta z-Zanz u Salvu Cappaturi, l-inkarigati mill-vara waqt il-purċissjoni, kienu qed iqassmu n-nies madwar il-bradella biex bħalma kien isir snin qabel, l-Irxoxt jieħu l-ġirja tant mistennija tat-Telgħa tal-Lunzjata. U għas-snin ta' wara, bħall-Arċipriet Galea, għalaq għajnejh l-Arċisqof Gonzi wkoll, biex daħlet mill-ġdid id-drawwa tradizzjonali tant mistennija tal-ġiri bl-Irxoxt.

## DRAWWIET TAL-GĦID FIL-BIRGU

Fil-Birgu, mal-Għid il-Kbir — jew kif inhu aktar magħruf fost il-poplu, mal-Irxoxt — intrabtu diversi drawwiet tradizzjonali li issa saru parti mill-folklor tagħna.

IT-TANBUR — F'Sibt il-Għid, għall-ħabta ta' nofsinhar, kien hawn id-drawwa li raġel joħroġ iħabbat fuq tanbur. Miegħu ħafna drabi kien jissieħeb xi ħadd bil-flawt jew biż-żaqq. Kienu jgħaddu mit-toroq b'ċorma tfal warajhom jgħajtu u jkantaw taqbil li jirrepetuh minn sena għal oħra. Waħda mill-aktar popolari fosthom kienet:

*Tom tirli tom tirli tiera,*
*Kristu rxoxta bil-bandiera;*
*għax tal-Birgu jiġru bih*
*u ħaddieħor waqa' bih.*[4]

IT-TBERIK TAL-BAĦAR — Waħda mill-ġirjiet bl-Irxoxt issir fi Triq il-Miratur, jew kif inhi magħrufa aħjar, fuq is-Sur tat-Toqba. Sa ftit tas-snin ilu, meta tintemm din il-ġirja, ir-reffiegħa kienu jgħollu l-istatwa fuq l-idejn u jdawruha tħares lejn il-bokka tal-port biex, kif kien jingħad, Kristu jbierek il-baħar. Din id-drawwa aktarx ġabuha fostna r-Rodjani li ġew mal-Kavallieri, u allura tikkonferma l-qedem tar-rabta tal-Birgu maċ-ċelebrazzjonijiet marbutin mal-qawmien mill-mewt ta' Kristu. Għax dan hu li għadu jsir mill-Insara tar-Rit Biżantin fi wħud mill-gżejjer Griegi. Bħalma kienu ħafna min-nies tal-Birgu fl-antik, l-għajxien ta' bosta abitanti tal-gżejjer Griegi jiddependi mill-baħar. Dawn, għandhom ukoll id-drawwa li l-istatwa tal-Irxoxt idawruha tħares lejn il-baħar. Fejn m'hemmx statwa tal-Irxoxt, idawru xi xbieha oħra ta' Kristu.[5]

L-EWWEL GĦAWMA — F'xi wħud mill-Gżejjer Griegi, ir-reffiegħa jinżlu bl-Irxoxt, jew bi xbieha oħra ta' Kristu, sa qaddhom fil-baħar. Minn din id-drawwa Griega tista' tkun ġejja l-għajta tant popolari fil-Birgu tal-imgħoddi: 'Mal-Glorja naqbżu l-baħar' — kif fil-fatt kienu jagħmlu ħafna, speċjalment żgħażagħ, dakinhar. Din għalihom kienet tkun l-ewwel għawma tal-istaġun.



**L-Irxoxt tal-Birgu fl-1928. Ħajr lil Michael Cassar**

Mhux ta' min ma jsemmix drawwa oħra li tixbah lil dik ta' meta l-Irxoxt jiddawwar iħares lejn il-Port; meta, waqt il-purċissjoni, l-istatwa tasal quddiem il-Knisja tal-Lunzjata u dik ta' Santa Skolastika, l-istatwa tintrafa' fuq l-idejn u tiddawwar tħares lejn il-knisja.

IL-FIGOLLI — It-tfal tal-Birgu kellhom l-opportunità li l-figolla tagħhom titbierek mill-Irxoxt kmieni, billi dan kienu jagħmluh meta kienet toħroġ dik il-purċissjoni ta' nhar ta' Sibt ukoll. L-għamla tal-figolli tagħhom kienet differenti mill-biċċa l-kbira ta' dawk li għadhom jidhru fl-idejn illum. Dawk tal-imgħoddi kienu jixhdu r-rabta tal-Birgu mal-baħar li jdawru. Dawn kienu jkunu forma ta' ħuta, ta' sirena jew ta' xi dgħajsa, għalkemm xi qoffa f'idejn il-bniet kienet tidher ukoll. F'nofshom kienet titwaħħal bajda mgħollija iebsa miżbugħa ħamra.

IL-LOGĦOB BIĊ-ĊIPPITATU — Għadni niftakar li sa daqs tletin sena ilu, min forsi għal xi raġuni kien jibqa' lura milli jixtri figolla, seta' jakkwista waħda billi jittanta xortih jilgħab għal waħda. Qrib u nhar il-Għid, fil-pjazza tal-Birgu, xi rġiel kienu jarmaw tilar bil-figolli. Fil-but kien ikollhom ċippitatu u, b'ħarsa 'l hawn u 'l hemm għal xi pulizija li sata' jkun ġej, kienu jħajru lil dak li jkun biex b'xi tliet soldi jilgħab għal xi waħda jew tnejn billi jagħżel numru qabel idawwar iċ-ċippitatu, li fuqu kellu n-numri mill-1 sas-6.

## ĦDEJN IL-KNISJA TAL-LUNZJATA

Ħdejn il-Knisja tal-Lunzjata tal-kunvent tad-Dumnikani f'din il-belt, fl-antik, kienu nibtu wkoll drawwiet marbutin ma' Jum il-Qawmien mill-Mewt ta' Kristu. Ix-xjuħ kienu jgħidu li waqt id-daqq tal-Glorja f'Sibt il-Għid, minn fuq il-kampnar tal-knisja kien jintefa' għal isfel trajbu mgeżwer f'libsa qadima u mqattgħa. It-trajbu kien jissejjaħ 'l-Għaġuża'. Skont dawn ix-xjuħ, dan it-trajbu kien jissimbolizza t-tmiem tat-tbatijiet ta' Kristu fuq din l-art wara l-qawmien tiegħu mill-mewt (kif spiċċa t-trajbu wara li ntrema billi ntafa' għal isfel).

Drawwa oħra fil-Lunzjata kienet il-ħruq tas-Salib taż-Żebbug. Kif titla' t-taraġ tal-kunvent tal-patrijiet, tul is-sena, kont tilmaħ imdendel mal-ħajt, salib imdaqqas, magħmul minn friegħi taż-żebbuġ li jkun tbierek apposta f'Ħadd il-Palm tas-sena ta' qabel. Kif tibda ħierġa l-purċissjoni bl-Irxoxt mill-Knisja Parrokkjali, dan is-salib kien jinħaraq f'nofs it-triq quddiem il-knisja tal-Lunzjata, biex ir-reffiegħa jgħaddu minn fuq l-irmied tiegħu bl-istatwa tal-Irxoxt. Dan kien jissimbolizza r-rebħa ta' Kristu fuq it-tbatija u l-mewt fuq is-salib bil-qawmien tiegħu mill-mewt.[6]

Ħafna minn dawn id-drawwiet li semmejna m'għadhomx jidhru. Saru biss parti mill-folklor tal-gżejjer tagħna.



**Il-knisja ta' San Diminku fil-Birgu għadha mwaqqgħa bil-bombi tal-gwerra, 1951. Ħajr lil Michael Cassar**

## REFERENZI


1. Fsadni, M., *Id-Dumnikani fir-Rabat u fil-Birgu sal-1620*, Malta, 1974, p. 104.
2. Grima, JF., "L-Irxoxt: Festa ta' ferħ", *Il-Mument*, 16 ta' April 1995.
3. Zammit Gabarretta, Kan A., *Il-Birgu fil-Ġimgħa tal-Għid*, Malta, Veritas Press,1973, pp. 14–6.
4. Ibid., p. 13.
5. Dougall. A., "Kristu Rxoxt fil-Birgu u t-Tberik tal-Baħar", *L-Imnara*, 1993, p. 109.
6. Lanfranco, G., "Intervista ma' G. Cacciattolo", *L-Imnara*, 1995, p. 38.